**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 484/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1600/1998)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom nhar is-7 ta' Settembru tas-sena 1998 kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn annessa u mmarkat Dok A.

2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fl-4 ta' Dicembru tas-sena 2017, hekk kif jirriżulta minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti tan-

Nuttar Dottor Angele Rapa, kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn sitt (6) snin legalment mifrudin minn ma' xulxin, illum għandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin, u dan kif jirrizulta mill-affidavit anness u mmarkat Dok C.
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad- divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’Ottubru 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri izda deher l-avukat difensur taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Dicembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.